Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,265, 16 ta' April, 1996
Taqsima B

A.L. 68 ta' l-1996

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-Diploma in Management Studies – Dip. Mangt.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dan l-istatut li ġej magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1996 għall-Kors tad-diploma in Management studies – Dip. Mangt.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra.

"il-Bord' ifisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Ekonomija, il-Management u l-Accountancy;

"id-Diploma' tfisser id-Diploma in Management Studies – Dip. Mangt.;

"il-Kors" ifisser ill-Kors tad-Diploma in Management Studies – Dip. Mangt.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija fl-1993 jew wara.

Eliġibbiltà għad-Diploma

3. Biex ikun jista' jingħata d-Diploma kandidat għandu:

(a) ikun reġistrat bħala student matrikolat skond ir-Regolamenti tad-Dħul ta' l-Università;

(b) jissodisfa r-Rekwiżiti Speċjali kollha tall-Kors;

Management Studies as

(ċ) itemm ill-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha reskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(d) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħħra kollha preskritti fi statuti u f'regolamenti oħrajn rilevanti ta' l-Università.

Reġistrazzjoni

4. Kandidat għandu jirreġistra ruħu permezz tal-formola preskritta fiż-żmien speċifikat mill-Uffiċċju tar-Reġistratur.

Il-Kors ta' l-istudji

5. (1) Il-Kors għandu jkun imfassal b'mod li jista' jintemm f'perjodu ta' mhux anqas minn tliet snin u mhux aktar minn ħames snin ta' l-istudji *part-time*.

(2) Il-Kors għandu jikkonsisti f'dawn:

(a) taqsimiet studju li għalihom mhux inqas minn 24 kredti għandhom jiġu assenjati; u

(b) proġett individwali taħt superviżjoni.

(3) Katalgu tat-taqsimiet studju, bil-kredti assenjati għal kull taqsima, għandu jiġi aprovat mill-Bord u ppubblikat qabel il-bidu ta' kull semestru. Xi taqsimiet studju jistgħu jiġu ndikati bħala obbligatorji u oħrajn ta' għażla.

(4) Xi taqsimiet studju jistgħu jinvolvu xogħol ta' ħidma fuq il-post li jkun iggwidat. Il-kandidati jistgħu jintalbu jissottomettu rapporti bil-miktub dwar il-ħidma tagħhom fuq il-post u dawn jiġu meqjusa bħala parti essenzjali tal-Kors li għaliha għandhom jiġu assenjati kredti.

Valutazzjoni

6. (1) F'kull semestru tal-Kors il-kandidati għandhom jiġu eżaminati skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord fit-taqsimiet studju li jkunu saru f'dak is-semestru.

(2) Il-gradi li ġejjin jintużaw fil-valutazzjoni tal-kredti: A, B, C, D u F f'ordni mill-ogħla sa l-inqas mertu, fejn F turi li weħel.

(3) Kandidat li jeħel f'xi taqsima studju jista' jitħalla jagħmel l-eżami mill-ġdid jew jirrepeti t-taqsima studju kollha. Kandiat jista' jitħalla jirrepeti taqsima studju darba biss. F'każijiet bħal dawn, l-ogħla grad li student jista' jikseb għandu jkun 'D'.

Il-Proġett individwali

7. (1) Kull kandidat għandu jikteb'*Essay* ta' madwar 10,000 kelma fuq suġġett approvat bil-ħsieb li juri kemm hu kapaċi jintegra d-diversi aspetti tal-kors ta' l-istudji.

(2) L-*Essay* għandu jiġi sottomess xahrejn kalendarji qabel it-tmien ta' l-Eżamijiet Finali.

L-Eżamijiet Finali

8. (1) Eżamijiet komprensivi bil-miktub għandhom isiru fit-tmien tal-Kors. Dawk il-kandidati biss li jiksbu mill-inqas 24 kredtu għandhom jitħallew jidlu għall-eżamijiet.

(2) Il-kandidati jistgħu jiġu meħtieġa joqogħdu wkoll għal eżami *viva voce*.

Il-gradi finali

9. (1) Il-gradi finali għandhom jiġu bbażati fuq it-taqsimiet studju, l-*Essay* u l-Eżamijiet Finali.

(2) Kandidat ma jingħatax id-Diploma jekk ma jgħaddix minn kull parti tal-kors ta' l-istudji (jiġifieri fit-taqsimiet studju, fl-*Essay* u fl-Eżamijeit Finali).

(3) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għad-Diploma għandhom jiġu ppubblikati f'ordni alfabetiku fil-kategoriji:

Għadda b'Distinazjoni
Għadda.